Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Supretendent Priscilla Caruana Lee]

vs

Jean Paul Azzopardi

**Kumpilazzjoni Numru:** 100/22

**Illum sbatax (17) ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Jean Paul Azzopardi** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 345193M akkuzat talli fit-tlieta (3) ta'

Awwissu 2021 f'xi hin bejn is-17:45hrs u 18:30hrs gewwa Misrah San Gwann, il-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. **Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Luke Vella hekk kif gie ccertikat minn Dr. Daniele Lauretta Agius med. no. 3939 mill-Isptar Mater Dei.**

2. **Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq arlogg u cappetta liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) ghad-detriment ta' Luke Vella.**

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat li huwa recediv ai termini tal-artiklu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dawn ir-reati, tapplika l-provvedimenti tal-artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' Luke Vella.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta’ Jannar tas-sena 2023 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. Fl-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
4. Fl-artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D, 532A 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehdet **is-Supretendent Priscilla Caruana Lee** li pprezentat certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, certifikat mediku, stima, tliet (3) ritratti, ircevuta kif ukoll l-istqarrija tal-imputat. Tghid li fl-erbgha (4) t'Awwissu 2021 giet infurmata li l-parte civile Luke Vella kien ghamel rapport kontra l-akkuzat Jean Paul Azzopardi. Tixhed li l-parte civile allega li waqt li kien gewwa Misrah San Gwann, il-Belt Valletta hu gie aggredit mill-akkuzat fejn dan l-allegat incident sehh fit-tlieta (3) t'Awwissu 2021 fis-sitta neqsin kwart ta' filghaxija. Tghid li l-parte civile allega li hu sofra griehi fuq wiccu u li skont ic-certifikat mediku dawn il-griehi kienu ta' natura gravi kif ukoll allega li kien hemm hsarat fuq arlogg, cappetta u misluta li kienu fuqu. Izzid tghid li meta kellmet lill-parte civile flimkien mas-siehba tieghu Tiffany Perry huma allegaw li waqt li kienu mixjin il-Belt, gie

fuqhom l-akkuzat u qabad lil Luke Vella mill-flokk u aggredih billi tah daqqa ta' ras. Dak il-hin il-parte civile waqa' mal-art u hekk kif pprova jqum l-akkuzat rega' aggredih. Tixhed li Perry kkonfermat dan kollu li ntqal mill-parte civile. Tispjega li l-akkuzat ghandu tifel li jigi mis-siehba tal-parte civile. Tghid li l-kagun ta' din il-glieda kienet li l-akkuzat sema' qlajja li l-akkuzat kien qieghed jakkuzah b'mohqrija fuq it-tifel.

Tkompli tixhed li hi kellmet lill-akkuzat u dan wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu Dr Francesca Zarb izda ma ttiehditx stqarrija tieghu stante li ma kienx hemm kameras ai fini ta' disclosure. Tghid li però kienet giet iffissata data ghal tali stqarrija. Tixhed ukoll li waslilha certifikat mediku bil-firma tat-tabib Dr Daniele Lauretta Agius fejn hemm indikat li l-griehi li ssubbixxa l-parte civile kienu ta' natura gravi. Tghid li r-rapport ittiehed minn PS 1083 David Ellul li kellu wkoll l-inkarigu li jigbor kwalunkwe filmati tas-CCTV prezenti fl-akkwati fejn sehh l-allegat reat izda tali incident ma nqabadx mill-kameras prezenti. Tghid ukoll li l-parte civile pprezenta stima tal-hsara li ssubbixxa fuq l-arlogg tieghu mahrug minn Ewards Lowell Co. Limited datata tmienja (8) ta' Novembru tas-sena 2021. Tghid li l-akkuzat irrilaxxa stqarrija fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena 2022 fil-prezenza ta' PC 1391 fejn

hu spjega li waqt li kien qieghed il-Belt Valletta hu sema' lill-akkuzat jghid il-kliem *"ta' kollox se jpatti li qed taghmel lil ibni"*. Tghid li l-akkuzat gie mbuttat mill-parte civile u minn hemm il-quddiem ma jafx x'gara iktar izda jishaq li kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu. Tghid li l-akkuzat sahaq li anke hu ssubbixxa hsarat ta' natura materjali kif ukoll griehi fuq persuntu izda ma kellux certifikati medici biex juru dan.

Inkontroezami tghid li kien l-akkuzat li avvicina l-parte civile u kellmu dwar il-qlajja fuq it-tifel tieghu. Tixhed li hi ma kellmitx lill-parte civile rigward il-griehi li ssubbixxa l-akkuzat stante li l-istess akkuzat ma xtaqx ikompli bi proceduri kontriha. Tghid li l-akkuzat ma ffirmax *waiver* sabiex ma jinbdewx proceduri kontra l-parte civile. Tikkonferma li hi ma vverifikatx minn fejn il-parte civile akkwista arlogg tal-ghamla Rolex. Tixhed li l-akkuzat ittiehed l-isptar sabiex jigi ccertifikat dakinhar tal-incident izda m'ghandhiex indikat min kien hemm fuq il-post fejn sehh l-allegat incident bhala ufficjali tal-pulizija. Tikkonferma li l-akkuzi damu biex hargu stante li l-filmati kienu damu biex waslu u xhin kienet ser titrasferixxi ghal pozizzjoni ohra hadet ir-responsabbilità li tkompli l-kaz hi.

Illi xehed **PS 1083 David Ellul** li jghid li fl-erbgha (4) t'Awwissu 2021 kien dahal rapport mill-parte civile Luke Vella li infurmah li fil-gurnata ta' qabel kien involut f'argument mal-akkuzat Jean Paul Azzopardi gewwa Zachary Street fil-Belt Valletta. Jghid li minhabba dan l-argument il-parte civile sofra griehi ta' natura gravi. Jixhed li dak il-hin li sehh l-argument kien hemm prezenti wkoll is-siehba tal-parte civile Tiffany Perry. Jixhed li hu gabar diversi filmati li kienu fl-akkwati izda dawn ma tawh ebda indikazzjoni ta' x'gara. Jghid li l-parte civile lmenta wkoll li l-akkuzat kissirlu arlogg tal-ghamla Rolex. Jixhed li hu ma rax l-oggetti li gew allegatament imkissrin izda ra l-istima li giet ikkonfermata minnu u li hi mmarkata bhala Dok. PCL4. Jghid li hu kien kellem lill-parte civile u dakinhar tal-incident kienu marru ufficjali tal-Pulizija. Ikompli jixhed li mill-filmati li gabar kull ma seta' jinnota kien il-parte civile flimkien mas-siehba quddiem il-Katridal ta' San Gwann jistennew l-ambulanza. Jixhed li wiehed mill-ufficjali li kienu marru fuq il-post kien PC 2446. Ipprezenta CD kontenenti filmat li bhala hin huwa siegha lura u li tali filmat huwa tal-Katidral. Dan is-CD gie mmarkat bhala Dok. DE1.

Illi xehed il-parte civile **Luke Vella** li ghazel li jixhed minn jeddu u dan wara li nghata twissija. Jghid li fit-tlieta (3) t'Awwissu 2021

kien qieghed il-Belt Valletta mas-siehba tieghu Tiffany Perry u bintu sabiex jixtrulha rigal ghal gheluq sninha. Jghid li kif kienu hdejn il-hanut tar-Rolex u cioè faccata tal-istabbiliment Kantina Cafè inzertaw lill-akkuzat u lit-tifla tieghu. Jghid li l-akkuzat waqaf ikellmu izda hu ried jibqa' ghaddej u jinjorah. Jixhed li minhabba l-fatt li l-akkuzat kien qieghed itih fastidju hu wiegeb lura li qieghed jaghmel rapporti fil-konfront tieghu minhabba l-affarijiet li qieghed jisma' minn ibnu. Hekk kif qal hekk l-akkuzat aggredih u tah daqqa ta' ras. Kien hemmhekk li ntilef minn sensih u jiftakar li qam kollu dmija. Jghid li xi hadd qallu li l-akkuzat kien anke tah daqqa ta' furketta. Jghid li eventwalment dahhluh go Kantina Cafè u tawh is-silg filwaqt li xi hadd cempel il-Pulizija u l-ambulanza. Jghid li dan kollu sehh wara nofsinhar. Jghid li xhin giet l-ambulanza hu rikeb go fiha u ttiehed l-isptar sabiex jaghmlulu l-punti. Jghid li l-ikbar gerha li sofra kienet fuq imniehru fejn hu ghandu bzonn operazzjoni sabiex imniehru jerga' jigi ghan-normal. Jikkonferma li l-ircevuta mmarkata bhala Dok. PCL6 hija mahruga mill-Gold Market ghall-misluta li kien xtara u ntilfet fil-glieda. Jixhed li l-istima li giet ipprezentata bhala Dok. PCL4 hija l-ammont li nefaq fuq ix-xoghlijiet li wettaq hu fuq il-hgiega tal-arlogg.

Ikompli jixhed li dan kollu gara meta hu kien ha lil ibnu l-Ghassa tal-Belt stante li beda jallega li l-akkuzat kien qieghed isawtu. Izid jghid li din l-allegazzjoni kienet waslet s'ghand l-akkuzat u li ghalhekk kien hebb ghalih.

Illi xehdet **Tiffany Perry** li tghid li fit-tlieta (3) t'Awwissu 2021 fit-tlieta ta' wara nofinshar kienet ghaddejja l-Belt mas-sieheb taghha Luke Vella u t-tifla taghha meta hin minnhom gie l-akkuzat bit-tifla tieghu minn triq fil-genb. Tixhed li l-akkuzat kien qieghed isejjah lill-parte civile sabiex jikkonfrontah dwar qlajja li kien qieghed ixerred l-istess parte civile li l-akkuzat kien qieghed isawwat lil ibnu. Tghid li f'daqqa wahda l-akkuzat ta' daqqa ta' ras lill-parte civile u b'hekk faqqset glieda. Tghid li l-akkuzat hataf furketta minn mejda li kienet fit-triq. Tishaq li hi intant kienet qieghda tipprova tikkalma l-affarijiet stante li kien hemm it-tfal rispettivi taghhom. Tghid li wara xi hin kienu marru xi nies biex jghinunha u eventwalment waslet l-ambulanza stante li l-parte civile kellu hafna dmija. Tghid li hi ma sofrietx griehi filwaqt li l-parte civile kellu qasma fuq imniehru u kien qala' daqqa ta' furketta f'rasu.

Illi xehed **Dr Daniele Lauretta Agius** li jghid li kkonferma li d-dokument a fol. 24 tal-atti processwali mtela minnu dakinhar li ezamina lill-parte civile. Jghid li hu nvista lill-parte civile fit-tlieta (3) t'Awwissu 2021 fl-ghaxra ta' billejl. Jikkonferma li kellu lacerazzjoni fuq in-nasal bridge, tbengil u nefha fuq iz-zona periorbitali tan-naha tal-lemin, abrazjonijiet u nefha fuq il-qorriegha, abrazjonijiet u tbengil fuq in-naha tal-lemin u fid-dahar, kif ukoll abrazjonijiet fuq il-genbejn tax-xellug. Jixhed li n-natura ta' dawn il-feriti kienu ta' natura gravi. Jixhed li huwa difficli li wiehed jghid x'seta' kkawza dawn il-feriti imma dak li kien cert u li dawn il-feriti huma ta' natura gravi stante li l-lacerazzjoni fuq in-*nasal bridge* fejn tista' thalli marka permanenti. Jikkonferma li hu qatt ma rega' ra lill-parte civile Luke Vella.

Illi xehed **PC 1470 Joseph Mallia** li jikkonferma r-rapport a fol. 41 tal-atti processwali. Jixhed li dakinhar tal-erbgha (4) t'Awwissu 2021 hu kien stazzjonat bhala shift billejl u fit-tmienja gie jirrapporta li fit-tlieta (3) t'Awwissu 2021 kien garrab daqqiet f'wiccu minghand certu Jean Paul Azzopardi gewwa Triq San Gwann u li tali reat sehh fis-sitta neqsin kwart. Jixhed li hu infurma lis-Surgent 1083 li kompla bl-investigazzjoni.

Illi xehed **PC 632 Noel Zahra** li jghid li fit-tlieta (3) t'Awwissu 2021 hu kien stazzjonat gewwa l-Belt Valletta mis-sitta ta' filghaxija sas-sitta ta' filghodu. Jixhed li hu kien ircieva telefonata mill-Ghassa sabiex imur gewwa Pjazza San Gwann quddiem il-Konkatidral ta' San Gwann gewwa l-Belt Valletta. Jghid li hu mar hdejn il-Kantina Cafè fejn sab persuna li kellha d-demm ma' wiccha. Jghid li hu mar wahdu izda iktar tard kien mar kollega tieghu u cioè n-numru 2446. Jghid li l-persuna mimlija dmija u griehi kien certu Luke Vella. Jghid li hu assista lill-parte civile billi vverifika jekk l-ambulanza kinitx vicin. Izid jghid li rigward kif spicca bid-dmija l-parte civile ma tkellmux. Jghid li mal-parte civile kien hemm is-siehba tieghu. Ma jafx min cempel l-ambulanza.

Illi xehdet **Antonella Grech** li tghid li hi tahdem gewwa Edwards Lowell bhala *after sales manager*. Tixhed li d-dokument esebit a fol. 25 tal-atti processwali hija stima li tinhareg ghal tiswijiet li jsiru fuq arloggi. Tghid li l-oggett mertu ta' din l-istima kien arlogg tal-ghamla Rolex. Tixhed li s-servizz tat-tiswija ma sarx izda sehhew xoghlijiet zghar. Tghid li tali dokument huwa ffirmat minn eks kollega taghha bl-isem ta' Anna Marija Mifsud.

Illi xehdet **id-Deptat Registratur Benjamina Mifsud** li pprezentat informazzjoni dwar sentenza fil-konfront tal-imputat moghtija mill-Imhallef Aaron Bugeja fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar 2019 fejn inghatat multa ta' tmien mitt ewro (€800). Tghid li dwar din il-multa ghad fadal bilanc ta' hamsin ewro (€50). Ipprezentat informazzjoni dwar sentenza moghtija mill-istess gudikant meta kien ghadu Magistrat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2016 u nghatat multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) u li tali multa thallset. Ipprezentat ukoll informazzjoni dwar sentenza moghtija mill-Imhallef Antonio Mizzi fl-erbgha (4) t'Ottubru 2016 fejn inghatat multa ta' mija u disgha ewro u tlieta u sittin centezmu (€109.63) li hija imhallsa. Tikkonferma li minn dawn it-tliet sentenzi l-ebda minnhom ma hemm appell. Dawn is-sentenzi gew immarkati bhala Dok. BM1, BM2 u BM3 rispettivament.

Illi rega' xehed il-parte civile **Luke Vella** inkontroezami li jghid li n-nies li kienu fl-istabbiliment Kantina Café cemplu lill-Pulizija filwaqt li l-haddiema tal-istabbiliment tawh is-silg. Jixhed li hu kien mitluf minn sensih u ma jiftakarx ezatt x'ghamlu ezatt in-nies li kienu gol-Kantina Cafè. Jixhed li qabel l-incident hu kien miexi minn hdejn il-hanut tar-Rolex lejn l-istabbiliment tal-Kantina Cafè. Jixhed li dakinhar kellu pouch li fih kellu sett cwievet izda li

fl-ebda mument ma uza c-cwievet biex ihebb ghall-akkuzat. Jghid li hu qatt ma kellu problemi m'omm it-tifel li beda jallega li l-akkuzat kien qieghed isawtu. Jikkonferma li hu wettaq diversi rapporti fil-konfront tal-akkuzat minhabba t-tifel. Ma jiftakarx jekk kienx hemm rapporti maghmulin minnu fil-konfront tal-akkuzat li ma kinux jirrigwardaw it-tifel.

Illi regghet xehdet **is-Supretendent Priscilla Caruana Lee** inkontroezami li pprezentat hames (5) rapporti li wettaq l-akkuzat kontra l-parte civile kif ukoll vice versa. Tghid li hemm minnhom li fihom aggornament fis-sens li nhargu l-akkuzi izda ma hemmx indikat jekk il-proceduri ntemmewx.

Illi regghet xehdet **Tiffany Perry** inkontroezami li tghid li qabel ma sehh l-allegat incident hi kienet f'relazzjoni mal-parte civile ghal tliet (3) snin. Tghid li l-parte civile kien wettaq rapport fil-konfront tal-akkuzat rigward it-tifel. Tghid li minhabba dan ma kienx hemm relazzjoni tajba bejn il-partijiet tant li ma kinux jikkomunikaw. Tghid li dakinhar li sehh l-allegat incident kien l-akkuzat li kellem lill-parte civile l-ewwel. Tixhed li huma ppruvaw ikomplu mixjin izda l-akkuzat baqa' jigri warajhom. Tghid li dak il-hin kien hemm in-nies jieklu gol-istabbilimenti li hemm fil-post fejn sehh l-

allegat incident. Tixhed li waqt li kienet ghaddejja l-glieda hi baqghet fl-akkwati u sahansitra anke ppruvat twaqqaf il-glieda. Izzid tghid li kien hemm tnejn (2) min-nies li ppruvaw iwaqqfu l-glieda. Tghid li l-haddiema tal-Kantina Cafè cemplu lill-Pulizija meta l-glieda ntemmet u hi u l-parte civile dahlu gol-istabbiliment. Tghid li l-parte civile kellu *pouch* fuqu izda ma tafx x'kien fih. Tikkonferma li fl-ebda mument ma uza dan il-pouch waqt il-glieda.

Illi xehed minn jeddu l-imputat **Jean Paul Azzopardi** li jghid li fit-tnejn (2) t'Awwissu 2021 kien ghadu kif lesta minn training gewwa l-Belt Valletta meta kien ghaddej fit-triq ta' wara l-istabbiliment ta' McDonald's. Jixhed li hekk kif kien ser jikser lejn Merchant Street sema' lil xi hadd jghajjatlu u fil-fatt kien il-parte civile Luke Vella. Jghid li l-parte civile qallu li sejjer ipattihielu rigward ibnu. Jghid li hu wiegbu lura billi qallu biex ma jghajjatx filwaqt li cahad l-allegazzjoni li kien qieghed jimmaltratta lill-iben il-parte civile. Jghid li l-parte civile avvicinah u baqa' jirrepeti l-istess akkuzi. Hekk kif spjegalu li ma kien minnu xejn izda li sahansitra kien anke jixtri dak kollu li ried it-tifel, il-parte civile mbuttah. Jghid li hu ddefenda lilu nnifsu billi mbuttah lura. Jixhed li l-parte civile kellu pouch kif ukoll mazz cwievet li uzahom sabiex jattakkah. Jghid li

r-rizultat ta' dan l-attakk jidhru kjarament fuq ir-ritratti li pprezenta u mmarkati bhala Dok. JPA1, JPA2, JPA3 u JPA4. Jixhed li l-parte civile kien anke gidmu f'idejh. Jghid li wara ftit xhin gew innies fl-akkwati kemm hu kif ukoll il-parte civile waqfu mill-glieda u telqu ghal rashom. Jghid li l-parte civile kien mas-siehba tieghu dakinhar. Ikompli jixhed li din il-mibgheda ilha prevalenti ghal perjodu ta' zmien. Jghid li huma jafu lil xulxin stante li l-omm tal-iben naturali tal-parte civile kienet l-eks siehba tal-akkuzat li hu wkoll ghandu tifla naturali minn mal-istess omm. Jixhed li l-akkuzat dahhalha f'mohhu li hu qieghed isawwat lill-iben naturali tal-parte civile. Izid jghid li fil-fatt kemm-il darba sar rapport kontriha izda qatt ma nhargu akkuzi fil-koknfront tieghu.

Inkontroezami jghid li hu ma kienx ipprezenta r-ritratti lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu stante li ma jinqalax biex jipprintjahom mic-cellulari tieghu. Jixhed li r-ritratti li pprezenta kien hadhom hu stess dakinhar li sehh l-allegat incident.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati*

*fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of*

*course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-allegati reati kkommettiethom l-imputat odjern u dan ghaliex jirrizulta li hargu diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*""Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja*

*kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w,*

*allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta)*

*jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghandu jinghad qabel xejn li l-Qorti digà ssib ruhha f'diffikultà sabiex tara ezattament kif sehh l-allegat reat stante li ma tressqux xhieda terzi ghajr ghas-siehba tal-allegat vittma li zgur ma tistax titqies bhala xhud imparzjali. Zgur mhux forsi prova iktar konkreta minn dik kienet u ghalkemm kien hemm konferma ta' prezenza ta' diversi sistemi ta' CCTV, il-Qorti tinsab perplessa kif il-prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta din il-prova. Il-Qorti tirrimarka wkoll li l-fatt li l-investigazzjoni hadet il-hin taghha jimmilita favur l-akkuzat stante li l-evidenza tibda titmermer iktar

ma jghaddu l-granet fosthom id-disponibilità ta' filmati. Referenza hawnhekk qieghda ssir ghax-xhieda tas-Supretendent Priscilla Caruana Lee a fol. 23 tal-atti processwali.

Illi finalment il-Qorti tirrimarka li l-akkuzat ghazel li jixhed minn jeddu fis-seduta datata tnejn (2) t'April tas-sena 2024 fejn filwaqt li jammetti li kien involut fi glieda mal-parte civile hu jsostni li kien l-istess parte civile li beda din il-glieda u li hu kien qieghed biss jiddefendi lilu nnifsu b'mod legittimu. Illi inoltrè jinghad illi l-imputat kien aktar dettaljat fir-rakkont tieghu u ghalhekk qed jitqies kredibbli fil-verzjoni tal-fatti kif sehhew.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjonijiet li huma kontradixxenti.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni ’l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha nkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F’dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice”.*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[1] fejn gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

[1] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

Ukoll fil-kawza **<u>Pulizija vs. Joseph Thorne</u>**[2], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**[3] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid*

[2] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

[3] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

> *tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi l-parte civile xehed inkontroezami fis-seduta datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu 2023. Il-Qorti tinnota li l-akkuzat kien evaziv ghall-ahhar meta gie mistoqsi ghar-rigward jekk kellux ic-cwievet f'idejh u jekk uzahomx f'dan l-iskontru[4]. L-istess parte civile kien anke skomdu ghall-ahhar meta gie mistoqsi rigward rapporti passati li wettaq fil-konfront tal-akkuzat li fl-ahhar mill-ahhar ma ttiehdux azzjoni legali.

Illi fl-ahhar mill-ahhar dawn ir-rapporti gew ipprezentati a fol. 131 *et sequitur*. Minn dawn ir-rapporti l-maggor parti minnhom saru

[4] Fol 122 *et sequitur* tal-atti processwali.

mill-parte civile kontra l-akkuzat. Iregi allura li l-parte civile kien zgur jaf bl-ezistenza ta' dawn ir-rapporti u li ghalhekk ma kellu diffikultà ta' xejn li jixhed fuqhom sabiex jispjega l-motivi li seta' kellu l-akkuzat izda dan ma sehhx. Dan iktar isahhah l-argument tad-difiza li fil-verità kien il-parte civile li kontinwament ghamilha l-missjoni tieghu sabiex jaghti fastidju lill-akkuzat. Huwa ghalhekk iktar kredibbli li l-akkuzat xehed is-sewwa meta insista li hu xtaq jibqa' miexi ghall-affari tieghu filwaqt li hekk kif lemhu l-parte civile, dan ra opportunità sabiex ifixklu.

Illi a rigward tal-griehi subiti hareg car illi l-parte civile kellu gerha fuq imniehru. Tali gerha ma gietx spjegata fid-dettall mill-istess parte civile u l-unika prova li ghandha quddiema din il-Qorti hija c-certifikat mediku a fol. 24 tal-atti processwali pprezentat mit-Tabib Dr Daniele Lauretta Agius. Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess tabib fejn jghid hekk a fol. 73 tal-atti processwali:

> *"Pros: Ma' x'hiex huma kumpatibbli dawn l-injuries?*
>
> *Xhud: Difficli tghid ezattament x'ikkawzahom dawn l-injuries, hemm hafna affarijiet li jistghu jikkawzawhom."*

Illi inoltrè rrizulta wkoll illi l-imputat sofra xi griehi minn dan l-incident li huwa spjega kif sehhew fix-xhieda tieghu bil-gurament. Ghalhekk iregi li dan kollu inissel bizzejjed dubju sabiex il-Qorti tikkonkludi li l-akkuzi kif dedotti ma jistghu qatt jigu ppruvati u dan anke in assenza tat-testimonjanza tad-diversi persuni li kienu prezenti dakinhar tal-allegat incident u li ma tressqux sabiex jixhdu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-verzjoni tal-imputat hi li ddefenda lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-parte civile u li tali verzjoni hija kredibbli u ssib konfort legali.

Illi f'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li:

> Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm*

*fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti:

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if*

*it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi ghalhekk din il-Qorti thossha konvinta illi l-agir tal-imputat kien wiehed ta' legittima difeza li kienet wahda fil-limiti preskritti mil-ligi.

Hawnhekk qed issir ukoll referenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa**, fejn inghad illi:

*"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni."*

**Ikkunsidrat**

Illi finalment a rigward it-tieni (2) akkuza u cioè dik tal-hsarat volontarji din il-Qorti qed terga' ttenni li gialadarba mhix qed temmen il-verzjoni tal-parte civile ma hemm xejn fl-atti li jorbot dawn il-hsarat mal-imputat. Inoltrè l-istima tal-hsarat qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament mill-persuna li hargitha u ghalhekk ma hemmx prova sufficjenti ta' dawn il-hsarat. Jinghad ukoll illi anke jekk kienu jezistu dawn il-hsarat ma saritx il-prova li dawn sehhew fl-incident *de quo* u wisq anqas mill-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi gialadarba din il-Qorti mhix sejra ssib htija fuq l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tal-akkuzat, din l-istess Qorti mhix sejra tiehu qies tal-aggravju tar-recidivizmu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Jean Paul Azzopardi** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltrè d-

dubju dettat mil-ligi u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**